**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA**

**Konferenza għall-Jum Internazzjonali tal-Mara**

Il-fastidju sesswali, fil-kuntest tar-rapporti internazzjonali dwar dawn il-każi, ġie diskuss matul konferenza tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) biex tikommemora l-Jum Internazzjonali tal-Mara. Huwa stmat li bejn 83 miljun u 102 miljun mara fl-Ewropa sofrew minn fastidju sesswali mill-étà ta' 15-il sena. Madankollu, huma biss ftit il-każijiet ta' fastidju sesswali li jiġu rraportati, waqt li 35% tal-vittmi ma jgħidu 'l ħadd dwar l-esperjenza li għaddew minnha. Għaldaqstant, it-tema magħżula għal din il-konferenza kienet *Il-Fastidju Sesswali: Fil-Post tax-Xogħol u Fil-Kuntest Soċjali*. L-għan ewlieni tal-konferenza kien li tkompli titqajjem kuxjenza dwar dan is-suġġett u li ninkoraġġixxu 'l kulħadd sabiex naħdmu biex inwaqqfu u nikkumbattu l-fastidju sesswali fl-isferi soċjali, ekonomiċi u politiċi.

Huwa essenzjali li l-kisbiet li wettqu n-nisa matul l-istorja u anke fi żminijiet riċenti jiġu rikonoxxuti. Iżda huwa wkoll importanti li nindirizzaw il-bqija tal-isfidi u l-ostakli li jżommu lura l-ugwaljanza. Id-dibattiti tal-konferenza wrew li l-fastidju sesswali huwa konsegwenza ta' inugwaljanzi abbażi tal-ġeneru li jimmanifestaw ruħhom f'abbuż li għandu jiġi mwaqqaf permezz ta' aktar edukazzjoni, għarfien, miżuri, *policies* u strutturi sabiex il-vittmi tal-fastidju sesswali jagħmlu kuraġġ biex jirrapurtaw il-każijiet u ssir ġustizzja.

Fl-introduzzjoni tal-konferenza, il-Kummissarju tal-NCPE, Renee Laiviera, irreferiet għat-tema magħżula mill-Ġnus Magħquda għall-Jum Internazzjonali tal-Mara għal din is-sena: *Iż-Żmien hu Issa: Attivisti f'partijiet rurali u urbani li jbiddlu l-ħajjet tan-nisa.* Is-Sinjura Laiviera stqarret li aspett li qed jiġi enfasizzat permezz ta' din it-tema huwa l-iżolazzjoni tan-nisa rurali u, li għaldaqstant huma f'pożizzjoni iktar vulnerabbli li jipproteġu lilhom infushom minn vjolenza u abbuż. Qalet ukoll li minkejja li Malta hu pajjiż żgħir, hawn nisa li jsofru minn vjolenza fis-skiet. Għalhekk, hi kompliet li s-suġġett tal-lum iħeġġeġ lil kull wieħed u waħda minna, minn oqsma differenti tal-ħajja u tax-xogħol, biex jieħdu azzjoni ħalli l-ugwaljanza tkun tista' ssir realtà u niksru ċ-ċiklu ta' poter u kontroll ta' min jikkommetti din il-vjolenza.

Il-Ministru għall-Affarijiet Ewropej u Ugwaljanza, Hon. Helena Dalli, fetħet il-konferenza tenfasizza l-bżonn ta' iżjed informazzjoni dwar il-fastidju sesswali fi sferi differenti. Skond l-istudju tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), f'Malta l-fastidju sesswali huwa mifrux b'ħafna każijiet ma jiġux irrappurtati. Il-Ministru Dalli aċċennat għall-impenn u x-xogħol tal-gvern biex jikkumbatti l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, inkluż il-fastidju sesswali li f'Malta huwa meqjus bħala reat kriminali. Barra minn hekk, permezz tar-ratifikazzjoni tal-*Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika (Konvenzjoni ta' Istanbul)* fl-2014, l-istat huwa impenjat li jintroduċi miżuri u liġijiet ġodda, kif ukoll li dan l-aħħar nieda pjan ta' azzjoni għall-protezzjoni tal-vittmi u l-vittmi potenzjali u għall-prosekuzzjoni ta' min jikkommetti vjolenza fuq in-nisa.

Filmati qosra taw ħarsa ġenerali dwar l-esperjenzi ta' vittmi tal-fastidju sesswali. Dawn jinkoraġġixxu lin-nisa sabiex jitkellmu dwar il-każijiet tagħhom.

Il-fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol, inkluż id-drittijiet u r-responsabbiltajiet li joħorġu mil-liġi kien is-suġġett tal-ewwel preżentazzjoni minn Dr Lara Dimitrijevic li wkoll iffaċilitat diskussjoni ma' rappreżentanti mid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u l-Impjieg, assoċjazzjoni ta' min iħaddem u *trade unions*.

Il-relazzjoni bejn il-fastidju sesswali fl-isferi soċjali u l-poter ġiet indirizzata minn Dr Marceline Naudi (Lettur Anzjan, Dipartiment tal-Istudju dwar il-Ġeneru, Università ta' Malta), li wkoll mexxiet diskussjoni ma' rappreżentanti mill-Aġenzija Żgħażagħ, SportMalta, Dipartiment tal-Edukazzjoni u l-Konfederazzjoni Maltija ta' Organizzazzjonijiet tan-Nisa.

Il-Konferenza li saret biex tfakkar il-Jum Internazzjonali tal-Mara offriet opportunità biex tingħata ħarsa u ssir riflessjoni dwar il-progress li sar fir-rigward tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-bqija tal-isfidi f'dan ir-rigward b'mod partikolari dwar il-fastidju sesswali. Riflessjonijiet dwar il-passi 'l quddiem ġew diskussi minn diversi *stakeholders* u parteċipanti, flimkien mal-azzjonijiet meħtieġa biex ikun jista' jitwaqqaf il-fastidju sesswali fis-soċjetà Maltija u biex jinkoraġġixxu lill-vittmi biex jirrapportaw il-każijiet tagħhom lill-awtoritajiet responsabbli.

Għal aktar informazzjoni ikkuntattja lil NCPE fuq 25903850 jew equality@gov.mt.